MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 658/2004

**Dragonara Casino Limited (C-23950).**

**vs**

**General Workers Union.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 31 ta’ Awissu 2004 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi fl-1 ta’ Lulju 2002, l-atturi dahlu fi ftehim mal-Casino Employees’ Union, allura rapprezentanti ghall-finijiet ta’ negozjar kollettiv tal-haddiema li jahdmu fl-azjenda operata mill-atturi;

Illi l-ftehim imsemmi jikkontempla illi fil-kaz ta’ dizgwid industrijali l-partijiet ghandhom jirrikorru ghal konciljazzjoni u arbitragg privat sabiex jizblokkaw il-vertenza;

Illi fil-5 ta’ Jannar 2004, il-konvenuti kienu accettaw illi jonoraw kull ftehim validu li kienu dahlu ghalih l-union precedentement rikonoxxut;

Illi fi kwalunkwe kaz, kull ftehim ta’ natura kollettiva ghandu jigi onorat minn kull union li tikkoncerna ruhha f’xi post tax-xoghol;

Illi l-ftehim imsemmi hawn fuq huwa validu u ghalhekk ghandu jigi onorat mill-konvenuti;

Illi l-konvenuti issa qeghdin jasserixxu illi ma jaqblux ma arbitragg domestiku u ghalhekk qeghdin jindikaw illi ma humiex bi hsiebhom jottemporaw ruhhom ma’ l-obbligi assunti minnhom kif hawn fuq deskritt;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-Union konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara a skans ta’ kull ekwivoku illi l-ftehim *de quo* huwa ftehim validu;

2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma ghalhekk marbutin b’dan il-ftehim *a tenur* ta’ l-obbligi li dahlu ghalihom fil-laqgha tal-5 ta’ Jannar 2004; u

3. Tordna lill-konvenuti biex jottemporaw ruhhom mal-ftehim *de quo.*

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti mharrkin minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa 12 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tad-9 ta’ Novembru 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Union konvenuta datata 27 ta’ Settembru 2004 a fol. 18 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Tirriserva l-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-Union konvenuta a fol. 18 u 19 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolo ghat-30 ta’ April 2008 u wara thalliet ghas-sentenza ghas-6 ta’ Mejju 2008.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-General Workers Union datata 15 ta’ Jannar 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed tallega li hija dahlet fi ftehim datat l-1 ta' Lulju 2002 mal-Casino Employees' Union, li dak in-nhar kienet tipprezenta l-haddiema, dwar kif f'kaz ta' dizgwid il-partijiet ghandhom jirrikorru ghal konciljazzjoni u arbitragg privat sabiex jirrisolvu l-vertenzi li jinqalghu bejniethom, u tghid ukoll li l-Union konvenuta fil-5 ta' Jannar 2004 accettat li tonora l-istess ftehim, u fi kwalunkwe kaz kull ftehim ta' natura kollettiva ghandu jigi onorat mill-Union li tikkoncerna ruhha fuq il-post tax-xoghol, u minkejja dan qed jallegaw li huma llum ma jaqblux mal-arbitragg domestiku u ghalhekk li mhux lesti jottemporaw ruhhom mal-istess ftehim u ghalhekk is-socjeta' attrici talbet sabiex tiddikjara li tali ftehim huwa validu; li l-Union konvenuta hija marbuta bl-obbligi li dahhlu ghalihom fil-laqgha tal-5 ta' Jannar 2004, u biex tordna lil Union konvenuta sabiex tottempora ruhha mal-ftehim *de quo.* Min-naha taghha l-Union konvenuta qed tghid li hija ma hijiex marbuta bl-istess ftehim datat l-1 ta' Lulju 2002 (Dok. "A") u dan peress li l-istess ftehim qatt ma gie approvat mill-impjegati tal-istess socjeta'.

Illi l-ftehim datat l-1 ta' Lulju 2002 jidher li gie ffirmat mill-kumpanija u l-President u s-Segretarju tal-Casino Employees' Union u jidher li qed jirreferixxi ghal dak li jissejjah bhala *"draft collective agreement"* li kien qed jigi negozjat dak iz-zmien u t-termini tal-ftehim mertu tal-kawza odjerna huma li l-kumpanija kienet ser izzomm l-offerta taghha ghal zmien hemm indikat fir-rati ta' pagament sakemm l-istess *draft jigi in vigore* jew sal-ahhar ta' Dicembru 2002, *"whichever date is the later".*

Illi l-istess ftehim jipprovdi li:-

*"2. The Union undertakes to do its utmost to convince dissenting eligible employees to accept all the revisions it negotiated on their behalf."*

*"3. The Company and the Union agree that until the said draft agreement comes into force, the provisions of article 4 on page 7 of the said collective agreement, including*

*Appendix A in its whole entirety, become binding on both parties (Copy of Appendix is attached to this agreement".*

Illi fil-fatt dan l-appendici ntitolat *"Settlement of Disputes"* jipprovdi li f'kaz ta' differenzi bejniethom dwar kull ksur jew interpretazzjoni ta' l-istess ftehim jew kull materja ohra li ma hijiex inkluza jew li ma hemmx riferenza ghaliha fl-istess ftehim il-partijiet jintrabtu li jidhlu f'diskussjonijiet sabiex jilhqu ftehim accettabbli ghat-tnejn u sakemm ikunu qed jinzammu dawn id-diskussjonijiet il-partijiet ma jistghux jiehdu azzjonijiet direttament jew indirettament li jistghu jwasslu ghal waqfin mix-xoghol jew *restrictive practices.* Jekk ma jintlahaqx ftehim u xi parti tindika li ghandha ntenzjoni li tiehu azzjoni ndustrijali, tali azzjoni ma tkunx tista' tittiehed kemm-il darba xi wahda mill-partijiet tirreferi il-kaz ghall-*private conciliation* jew *private arbitration*, bil-kondizzjonijiet hemm indikati fl-istess skrittura li tirrendi l-istess konciljazzjoni jew arbitragg privat bhala veljanti bejn il-partijiet (fol. 7 sa fol. 9) tal-process.

Illi fil-fatt jirrizulta li kien sar ftehim datat l-1 ta' Lulju 2002 fis-sens hawn premess li kien iffirmat mill-istess president u segretarju tal-Union firmatarja. Is-socjeta' attrici qed tallega li dan il-ftehim huwa validu ghas-segwenti ragunijiet:-

(a) Illi dan il-ftehim ma kienx wiehed kollettiv izda ftehim *ad hoc* biex jirregola r-relazzjonijiet bejn il-partijiet meta tinqala' tilwima u din il-Qorti thoss li n-natura ta' dan il-ftehim kien wahda biss limitata sabiex il-partijiet firmatarji jintrabtu li sakemm jigi *in vigore* ftehim kollettiv gdid, ftehim li kien qed jigi negozjat dak iz-zmien bejn is-socjeta' attrici u l-Casino Employees' Union, il-partijiet kellhom jirrikorru ghall-procedura hemm indikata ghall-konciljazzjoni u ftehim privat, u allura din il-Qorti thoss li dan kien ftehim li fil-fatt jirregola ghal dak il-perjodu u dak il-ghan ir-relazzjoni tal-partijiet firmatarji u thoss li dan kien fil-verita' ftehim *sui generis* li jorbot il-partijiet firmatarji.

Illi huwa veru li l-artikolu 2 tal-Kap 452 jipprovdi li ftehim kollettiv ifisser *"ftehim maghmul bejn principal, jew*

*organizzazzjoni wahda ta' aktar ta' principali, u organizzazzjoni wahda jew aktar ta' impjegati li ghandu x'jaqsam mal-kondizzjonijiet ta' impjieg skond id-disposizzjoni ta' xi ligi li tkun fis-sehh f'Malta",* u *"kondizzjonijiet ta' l-impjieg"* tfisser fost affarijiet ohra *l-metodu ta' kif differenzi li jistghu jinqalghu bejn il-partijiet fil-ftehim jistghu jintemmu",* u izda huwa car li l-iskrittura tal-1 ta' Lulju 2002 kienet qed tipprovdi ghal tip ta' soluzzjoni jekk jinqala' disgwid bejn il-partijiet sakemm ftehim kollettiv jigi milhuq u res applikabbli bejn il-partijiet, b'dan ghalhekk li din il-Qorti thoss li l-ftehim mertu tal-kawza odjerna ma kienx ghal kollox ftehim kollettiv proprju kif deskritt mill-ligi u dan ghaliex l-intenzjoni tal-partijiet kienet limitatata sabiex tipprovdi *modus vivendi* biss ghal certu perjodu u cjoe' sakemm il-ftehim kollettiv hemm negozjat kellu jigi *in vigore*, u fejn allura kellha tapplika dik is-sistema hemm indikata ta' konciljazzjoni jew arbitragg privat. Dan ma jfissirx li b'daqshekk l-istess pattijiet ma kienux jorbtu lill-partijiet u dan iktar u iktar meta jirrizulta mid-dikjarazzjoni attrici li hija rregistrat l-istess ftehim bhala tali skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 5 (2) tal-Kap 452,** u dwar dan ma saret ebda oggezzjoni la mill-Union firmatarja u sussegwentement lanqas mill-Unjon konvenuta.

(b) Illi l-istess socjeta' attrici tghid li dan il-ftehim huwa veljanti peress li tghid li kull ma kien mehtieg skond l-istatut tal-Casino Employees' Union kien biss li dan jigi ffirmat mill-President u mis-Segretarju tal-Union, u dan peress il-provediment numru VIII 6 (ii) tal-istess statut, (li kien jirrikjedi li ftehim kollettiv kellu jigi approvat b'2/3 mill-membri) gie sostitwiet b'laqgha generali li saret fil-21 ta' Ottubru 2002 bil-provediment numru IX 3 li awtorrizzaw lill-President u lis-Segretarju tal-Union sabiex jiffirmaw kull ftehim tal-istess socjeta, tant li jinghad li *"z-zewg ftehimiet kollettivi li saru wara l-emenda fl-istatut huma ffirmati mill-President u s-Segretarju biss u ma tpoggewx quddiem il-laqgha generali".*

Illi min-naha l-ohra l-Union konvenuta ssostni li fil-laqgha generali tal-istess Union tal-21 ta' Ottubru 1992 saret emenda fl-artikolu VIII 6 fis-sens li l-paragrafu 6 (ii) ghall-

approvazzjoni ta’ ftehim kollettiv gie mnehhi u dan kien allura jfisser li b’effett minn dik id-data, kull ftehim kollettiv bhal kull decizjoni kienet tkun tehtieg *“maggoranza semplici tal-membri prezenti ghall-konferenza jew laqgha (50% + 1)”* sabiex tigi approvata. Dan qed jinghad peress li l-istess Union konvenuta ssostni li skond l-artikolu V 3 (iii) tal-Kostituzzjoni u Regolamenti tal-Casino Empoyees’ Union dik il-Union kellha taghmel laqgha tal-membri “*qabel jigi ffirmat Ftehim Kollettiv gdid biex dan jista’ jigi diskuss u approvat”*, u allura la darba hekk inhu l-kaz, sabiex jigi approvat kienet tinhtieg decizjoni tal-maggoranza tal-membri prezenti ghal-laqgha.

Illi din il-Qorti thoss anke jekk wiehed jitkellem fuq ftehim kollettiv mid-disposizzjonijiet tal-istess statut ta’ regolamentazzjoni u kostituzzjoni tal-Union firmatarja ma’ jirrizultax li tali tip ta’ ftehim kellu jigi approvat mill-membri tal-istess Union sabiex ikun veljanti. Dan qed jinghad ghaliex wara li saret l-emenda ghall-artikolu VIII 6 (ii), li permezz taghha tnehhiet in-neccessita’ li ftehim kollettiv kellu jigi approvat minn zewg terzi tal-membri prezenti, ma kien hemm ebda stipulazzjoni fl-istess statut li tirrikjedi *ad validitatem* li ftehim kollettiv kellu jigi approvat f’laqgha *ad hoc* mill-maggoranza tal-membri prezenti ta’ l-istess unjon, u dan peress li skond l-artikolu V 3 (iii) jinghad biss li *“jistghu jsiru Konferenzi Generali Straordinarji .......qabel ma jigi ffirmat Ftehim Kollettiv gdid biex dan ikun jista’ jigi diskuss u approvat”.* B’hekk jidher li ma kienx mandatorju ghall-istess Union li tressaq tali ftehim kollettiv ghall-approvazzjoni tal-membri taghha u allura d-dikjarazzjoni ta’ Mario D’Agostino datata 24 ta’ Novembru 2006 fejn dan sostna li skond l-istatut tal-Union *“ghandha ssir laqgha tal-membri qabel jigi ffirmat Ftehim Kollettiv gdid...”* hija nkoretta ghaliex l-istess Kostituzzjoni tal-Union ma tipprovdix dan.

Illi mix-xhieda tal-membri tal-Union (Dok. “MD’G 2 sa Dok. “MD’G 33”) jinghad li huma ma approvawx l-istess ftehim u qatt ma nghatatilhom kopja ta’ l-istess ftehim, pero’ din ovvjament kienet responsabbilta’ ta’ min kien qed jipprezenta l-istess Union li jekk ihoss il-bzonn isejjah laqgha kif hemm kontemplat fl-istess statut. Fir-rigward

tax-xhieda tas-segretarju Joseph Camilleri (Dok. MD'G 34) jirrizulta li dan jghid li l-ftehim kollettiv qatt ma gie approvat mil-laqgha generali, u li l-kumitat li kien qed jinnegozja l-ftehim dejjem zamm riserva f'dan is-sens u cjoe' *"li dak diskuss mal-kumpanija u miftiehem klawsola, klawsola kellu jkun approvat mil-laqgha generali fejn il-membri kellhom jivvuttaw jaqblux jew le".*

Illi fil-verita' fil-ftehim datat l-1 ta' Lulju 2002 ma tirrizulta l-ebda riserva f'dan is-sens rigward dak li jissejjah bhala *"draft collective agreement"* u ghalhekk din il-versjoni ma hijiex attendibbli; mhux hekk biss izda mentri dan ix-xhud jghid li l-kumitat dejjem zamm din ir-riserva, l-istess membri tal-kumitat tac-CEU ddikjaraw li *"bhala kummitat qatt ma gejna nfurmati li gie ffirmat xi ftehim mal-kumpanija Dragonara dwar Ftehim Kollettiv"* (Dok. "MD/3" – fol. 133). Ovvjament hawn jirrizulta li hemm kontradizzjoni f'dawk li huma l-allegazzjonijiet tal-Union konvenuta. Dan ukoll dejjem b'referenza ghal dak il-Ftehim Kollettiv prospettat li hemm riferenza ghalih fl-iskrittura ta' l-1 ta' Lulju 2002.

Illi l-istess Joseph Camilleri jghid ukoll fl-affidavit tieghu datat 21 ta' Gunju 2006 li meta nzammet il-laqgha generali tal-Union dwar il-*collective agreement* propost il-membri vvutaw il-kontra, u dan jikkontrasta ma' dak li qalu l-membri ta' l-istess Union li sostnew li huma qatt ma kellhom kopja tal-ftehim. F'dan il-kuntest jinghad li kemm John Grech bhala President tal-istess Union u l-istess Joseph Camilleri ddikjaraw li l-ftehim tal-1 ta' Lulju 2002 qatt ma ngab quddiem il-membri tal-Union f'laqgha Generali. Dan kollu jkompli juri diversi nkonsistenzi fil-versjonijiet provduti mill-Union konvenuta li certament ma jaghtux sostenn ghas-sottomissjonijiet u/jew versjonijiet taghhom.

Illi din il-Qorti thoss li fil-verita' meta saret l-emenda fis-sena 1992 li bidlet il-htiega li kull ftehim kollettiv kellu jkun approvat b'maggoranza ta' 2/3 tal-membri prezenti, minhabba dak provdut fl-artikolu 5 tal-istatut tal-Union, ma baqax izjed la necessarju u lanqas mandatarju li sabiex jigi approvat ftehim kollettiv dan kellu *ad validitatem* jigi

sottomess ghall-kunsens tal-maggoranza tal-membri, u fil-fatt il-kliem tal-istess klawsola jindika biss li jistghu jsiru Konferenzi Generali Straordinarji qabel ma jigi ffirmat Ftehim Kollettiv sabiex dan jigi diskusss u approvat u mkien ma hemm provdut li l-istess dirigenti jew rappresentanti tal-Union kellhom l-obbligu li jsejhu xi laqgha; ladarba tali laqgha ma sehhitx skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu V 3 (iii) ta' l-istatut, mela allura ma kien hemm ebda decizjoni x'tittiehed dwar il-ftehim kollettiv propost u msemmi fl-iskrittura tat-1 ta' Lulju 2002 sabiex dan jigi approvat. B'hekk allura l-firma tar-rappresentanti tal-istess Union kellha tkun bizzejjed b'riferenza ghall-propost ftehim kollettiv.

Illi ghalhekk dan kollu jirreferi ghall-prospettat ftehim kollettiv li hemm riferenza ghalih fl-iskrittra tal-1 ta' Lulju 2002, izda l-kaz li din il-Qorti ghandha quddiemha huwa proprjament dak tal-ftehim datat l-1 ta' Lulju 2002 u in partikolari dak stipulat fi klawsola 3 tal-istess skrittura, li kien limitat u ntenzjonat sabiex jipprovdi ghall-arbitragg privat bejn il-partijiet f'kaz ta' disgwid industrijali li jinholoq qabel ma jigi *in vigore* il-prospettat ftehim kollettiv gdid, u f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li iktar u iktar tali ftehim tal-1 ta' Lulju 2002 skond l-istess statut tal-Union ma kienx suggett ghall-approvazzjoni tal-membri u kien ghalhekk li fil-verita' qatt ma kien propost lilhom.

Illi xorta wahda huwa pero' veljanti ghall-partijiet firmatarji, iktar u iktar *in vista* ta' l-artikolu IX 3 li jawtorizzaw lill-President u lis-Segretarju Generali sabiex jiffirmaw kull ftehim inkluz ftehim kollettiv mal-Kumpanija, u ghalhekk jidher li l-istess ftehim gie regolarment konkluz skond l-istess statut tal-Unjon firmatarja.

(c) Illi l-istess socjeta' attrici tghid ukoll li l-kontenut ta' dan il-ftehim jifforma llum l-artikolu 4 u l-Appendici A tal-abbozz tal-ftehim li kien negozjat mal-Union u approvat f'laqgha Generali li saret f'Awissu 2002. Din tghid li jirrizulta minn Dok. "D" datat 12 ta' Awissu 2002 li huwa dokument iffirmat minn rappresentanti tal-kumpanija u l-Unjon firmatarji li abbazi tieghu saret riferenza ghal xi punti li l-partijiet issottomew ghall-arbitragg privat skond il-

ftehim tal-1 ta’ Lulju 2002 u jinghad li fil-punti li kien hemm disgwid dwarhom u li l-partijiet issottomettew ghall-arbitragg ma kienx hemm l-artikolu 4 u l-Appendici A li proprju jikkoncernaw il-materja in kwistjoni ta’ soluzzjoni dwar temm ta’ tilwim, b’dan allura li s-socjeta’ attrici tissottometti li dan jindika li tali kondizzjonijiet ta’ soluzzjoni ta’ tilwimiet giet accettata mill-istess Union u accettata mil-laqgha generali.

Illi dwar dan l-istess Unjon konvenuta ma qalet xejn, u din il-Qorti tirrileva li d-Dok. “D” datat 12 ta’ Awissu 2002 huwa referenza li saret miz-zewg partijiet sabiex il-punti hemm indikati jigu riferuti ghall-arbitragg privat u dan proprju abbazi tal-ftehim tal-1 ta’ Lulju 2002 fejn hemm provdut li f’kaz ta’ tilwim il-partijiet qabblu li jirreferu l-kaz ghall- arbitragg privat – jidher ghalhekk li ma kien hemm ebda oggezzjoni ghall-mod kif kellhom jigu risolti tilwimiet industrijali l-ewwel permezz ta’ konciljazzjoni jew arbitragg privat u b’hekk jidher li l-firmatarji taw esekuzzjoni ta’ dak miftiehem bejniethom fl-iskrittura tal-1 ta’ Lulju 2002 u dan anke ndipendentement mill-ftehim kollettiv prospettat.

Illi fil-fatt jidher li sar l-arbitragg biss fuq il-punti sottomessi u dan gie deciz fil-15 ta’ Dicembru 2002 u l-appell mill-Qorti tal-Appell giet deciza fit-12 ta’ Dicembru 2007 u naturalment l-istess decizjoni kkonkludiet il-pendenzi bejn il-partijiet bil-mod allura provdut fil-ftehim datat 1 ta’ Lulju 2002. Jinghad li fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell deciza mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras gie nnutat li t-*terms of remit* kienu maqbula bejn iz-zewg partijiet u fil-fatt inghad *“ma jirrizultax li quddiem l-Arbitri gew x’imkien sollevati mill-Union appellanti kwistjonijiet fuq l-irritwalita’ tal-“joint terms of remit” ghall-fatt tad-deficenzi fis-sottoskrizzjoni tieghu (punt li lanqas biss tqajjem fl-appell proprju) jew ghaliex il-Ftehim Kollettiv kien suggett ghall-voting rights tal-haddiema rapprezentanti mill-Union appellanti u allura l-Arbitri ma setghux jaghtu “award on the implementation of the whole agreement” kif fit-terms of remit stipulat. Apparti li ma tqanqlux quddiem l-Arbitri, u apparti wkoll li kienu jesorbitaw mil-limiti tal-ftehim kompromissarju, kif gja gie rilevat mill-Qorti, f’decizjonijiet ohra taghha, ikun sovversjoni tad-dritt kieku kellha din il-*

*Qorti tippermetti li tikkonsidrahom meta, kif inhu l-kaz, f'ebda parti tas-sentenza attakkata ma kien hemm imsemmi, u wisq inqas decizi, l-kwistjonijiet li issa qed jigu sollevati f'dan l-istadju inolterat...".* B'hekk jidher li z-zewg Unions bir-*remit* li ghamlu assoggettaw ruhhom almenu ghall-istess ftehim datat l-1 ta' Lulju 2002.

(d) Is-socjeta' attrici ssottomettiet li Emanuel Micallef, is-segretarju tal-Union konvenuta f'laqgha datata 5 ta' Jannar 2004 (Dok. "F") iddikjara li l-Union kienet ser tirrispetta kull ftehim li kien sar mill-Casino Employees' Union, u allura hija tenuta li tosserva l-ftehim li l-kumpanija ghamlet mal-Union l-ohra bl-iskrittura datata l-1 ta' Lulju 2002; dan  iktar u iktar meta jirrizulta li tali ftehim kien ghal kollox validu u l-Unions sahansitra kienu gja agixxew a bazi tieghu kemm bir-riferenza ghall-arbitragg privat datata 12 ta' Awissu 2002 u wkoll fil-minuti tal-laqgha tal-5 ta' Jannar 2004, fejn jidher car li fejn l-istess Union ma qablitx ma xi parti tal-ftehim li kien hemm milhuq mal-Union ta' qabilha anke b'referenza ghall-ftehim kollettiv proprju dan mill-ewwel indikatu (fol. 25);  min-naha l-ohra jirrizulta li fil-kuntest tal-ftehim mertu tal-kawza odjerna li jipprovdi ghall-konciljazzjoni provata jew arbitragg privat l-istess union ma qajmet l-ebda opposizzjoni anzi aderixxiet ruhha ghall-istess. Din il-Qorti fil-fatt thoss li dan gie debitament ippruvat.

(e) Illi in effetti jirrizulta wkoll li l-Union konvenuta kienet ilha taf b'dan il-ftehim tant li meta l-Casino Employers Union fis-sena 2002 harget direttiva li tmur kontra l-isemmi ftehim tal-1 ta' Lulju 2002, l-Unjon konvenuta stess, wara li nghatat kopja ta' l-istess, irtirat l-istess direttiva b'decizjoni taghha datata 19 ta' Dicembru 2002 (Dok. "E"). Fil-fatt fl-istess ittra Joe Grima bhala Segretarju tal-Union konvenuta jghid lill-Union l-ohra li *"kellkhom tinformawna b'dak li kien miftiehem mal-management, li wara kollox jorbot lill-haddiema kollha....."*

Illi minkejja dak kontenut fl-istess ittra datata 19 ta' Dicembru 2002 fejn l-istess Union konvenuta ndikat li saret taf bil-ftehim li kien intlahaq mal-*management* tal-kumpanija, u minkejja l-minuta datata 5 ta' Jannar 2004,

fejn jidher li l-istess Union konvenuta *tramite* Emanuel Micallef oggezzjonat biss ghal dak li huwa il-prospettat ftehim kollettiv ghal dak indikat bhala *“pre ballot agreement”,* jirrizulta li wara li nqalghet kwistjoni ohra, b’ittra datata 3 ta’ Marzu 2004, l-istess Emanuel Micallef jghid li ma kienx jaf li kien hemm ftehim bejn il-partjiet li jirreferu l-kwistjonijiet li jinqalghu ghall-arbitragg privat, u li l-Union konvenuta kienet qed tikkontendi li tali ftehim ma jorbothiex, u dan jinsab ikkonfermat b’ittra ohra datata 13 ta’ Awissu 2004 (Dok. “H”).

Illi dwar dan l-Unjon konvenuta ma tghid xejn, izda din il-Qorti thoss li din il-posizzjoni ma hijiex tenibbli u dan peress li l-ftehim li sar bejn il-firmatarji datat l-1 ta’ Lulju 2002 huwa vinkolanti kemm ghall-istess firmatarji u wkoll ghall-Union konvenuta, u dan kemm peress li l-istess ftehim jirrizulta li sar validament u skond l-istatut tal-istess Union firmatarja, u kif ukoll ghaliex l-istess Union konvenuta obbligat ruhha li tosserva kull ftehim validu li kienet dahlet ghalih il-Casino Employers Union, u dan mhux l-inqas bil-weghda datata 5 ta’ Jannar 2004 kif hawn premess; dan apparti li skond il-ligi hija obbligata li tosserva kull ftehim tal-Union precedenti ghan-nom tal-membri taghha – peress li l-istess Union kif kienet hekk rappresentata kienet qed tagixxi legalment ghan-nom tal-membri taghha, u dan kollox kif hawn ukoll spjegat. Ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Union konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara a skans ta' kull ekwivoku illi l-ftehim *de quo* huwa ftehim validu;

2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma ghalhekk marbutin b'dan il-ftehim *a tenur* ta' l-obbligi li dahlu ghalihom fil-laqgha tal-5 ta' Jannar 2004; u

3. Tordna lill-konvenuti biex jottemporaw ruhhom mal-ftehim *de quo.*

Bl-ispejjez kontra l-Unjon konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------